

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà u M. M. Farrajota, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Alfamicro — Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda hija kkundannata għall ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 72, 26.2.2018.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Frar 2019 — Ilmārs Rimšēvičs (C-202/18), Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (C-238/18) vs Ir-Repubblika tal-Latvja

(Kawżi magħquda C-202/18 u C-238/18) <sup>(1)</sup>

*(Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali — Rikors ibbażat fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew — Deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali li tissospendi lill-gvernatur tal-bank ċentrali nazzjonali mill-funzjonijiet tiegħu)*

(2019/C 139/18)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

### Partijiet

*Rikorrent:* Ilmārs Rimšēvičs (rappreżentanti: S. Vārpiņš, M. Kvēps, I. Pazare, advokāti) (C-202/18), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: C. Zilioli u K. Kaiser kif ukoll C. Kroppenstedt, aġenti, assistiti minn D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogado, u minn V. Čuske-Jurjeva, advokāte (C-238/18)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: I. Kucina u J. Davidoviča, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi C-202/18 u C-238/18 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Id-deċiżjoni tal-Korupcijas novēršanas un apkarošanas birojs (l-Uffiċċju għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, il-Latvja), tad-19 ta' Frar 2018, hija annullata sa fejn hija tipprojbixxi lil Ilmārs Rimšēvičs milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja.
- 3) Ir-Repubblika tal-Latvja hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 7.5.2018.